ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2023

Kompetenzi Ewlenin

L-GĦAXAR SENA IL-ĠEOGRAFIJA (L-Orali) IL-ĦIN: 10 minuti

Il-Karta tal-Għalliema

Struzzjonijiet għall-għalliema:

Dan l-eżami jrid isir għal kull student/a individwalment.

a. Spjega lill-istudent/a kif se jkun l-eżami.

b. Agħti l-ewwel stampa lill-istudent/a.

ċ. Agħti lill-istudent/a ftit ħin biex i/tħares lejn l-istampa.

d. Staqsi jew iddiskuti mal-istudent/a l-mistoqsijiet marbutin mal-istampa.

e. Assigura li l-istudent/a għandu/ha ħin biżżejjed biex j/tesprimi ruħu/ha sewwa u b'hekk inti tkun tista' tassessja sewwa.

f. Kompli bil-bqija tal-mistoqsijiet b'dan l-istess mod.

1. Hares sewwa lejn stampa 1.



Stampa 1

a. Dawn is-sorsi ta' enerġija huma rinnovabbli jew mhux rinnovabbli?

b. X'differenza hemm bejn enerġija rinnovabbli u enerġija mhux rinnovabbli?

c. Semmi żewġ tipi ta' enerġija rinnovabbli.

d. Semmi vantaġġ wieħed ta' enerġija rinnovabbli.

e. Semmi problema li ġejja minn enerġija mhux rinnovabbli.

2. Hares sewwa lejn stampa 2.

Stampa 2

a. X'qed tara f'din l-istampa?

b. X'jissejjaħ il-ġebel maħlul li ħiereġ minn dan il-vulkan?

c. Semmi żewġ problemi li joħloq vulkan meta jiżbroffa.

d. X'tip ta' blat qed tara f'din l-istampa? Agħżel minn:
blat iġnijuż, blat metamorfiku, blat sedimentarju.